Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 116/2013

Il-Pulizija

Spettur Anthony Agius

Vs

Joseph Cini

Illum s-27 ta' Frar 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Joseph Cini, detentur tal-karta tal-identita` Maltija bin-numru 304664M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali akkuzat talli b' diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiskru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u jkunu gew maghmula b' risoluzzjoni wahda;

1. Gewwa Attard f' xi hin bejn l-4 u l-5 ta' Gunju 2008, ikkommetta serq ta' diversi oggetti tal-fidda, xorb alkoholiku u oggetti ohra minn residenza bl-isem Villa Alexia li tinsab fi Triq Birkirara, Attard liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-lok u bil-valur li jeccedi €2,329.37 u dan sar ghad-detriment ta' Dr. David Cassar u / jew persuni ohra;

2. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volotnarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tiskorri € 116.47 izda anqas minn € 1, 164.69 u li saret ghad-detriment tal-imsemmi Dr David Cassar u / jew persuni ohra;

3. Talli gewwa San Pawl il-Bahar, bejn is-7.30pm u l-10.00pm ta nhar it-23 ta' Gunju 2008, ikkommetta serq ta' diversi oggetti fosthom mobile phone tal-ghamla Sony Erricson T-650 u flus, minn kamra no. 2010 gewwa lukanda Clover Cottage, Triq it-Tartarun, San Pawl il-Bahar, liema serq ikkwalifikat bil-mezz, bil-lok u bil-valur li jeccedi € 232.94 izda li ma jeccedix € 2, 329.37 u dan sar ghad-detriment ta' Hans Anderson Svensson ta' nazzjonalita' Svediza u / jew persuni ohra;

4. U talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar ghamel hsara jew gharraq hwejejg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tiskorri € 11.65 izda anqas minn € 116.47 u li saret ghad-detriment tad-dirigenti tal-lukanda Clover Cottage u / jew persuni ohra;

5. Talli nhar l-24 ta' Gunju 2008 u fi zmien wara din id-data, f' diversi bnadi f' dawn il-gzejjer, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehda b' qerq jew akkwistati b' reat sew jekk dan sar f' Malta jew barra minn Malta, jew xjentement kull mod li jkun indahal sabiex ibieghhom jew imexxihom u cioe laqa' ghandu mobile phone tal-ghamla Sony Erricson T650, liema mobile phone kien irraportat misruq fis-serqa imsemmija aktar qabel, cioe' ser minn gewwa 2010 Clover Cottage li tinsab fi Triq it-Tartarun, San Pawl il-Bahar liema serqa kienet sehhet nhar it-23 ta' Gunju 2008;

Il-Qorti hija mitluba li f' kaz ta' htija titratta lill-imputat bhala recidiv ai terminu tal-Artkoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b' diversi sentenzi tal-Qorti tal-Appell u tal-Qorti tal-Magistrati, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, mghotija fil-21 ta' Frar, 2013, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 261, 263, 267, 269 (g), 278 (1), (2) u (3), 279 (b), 280 (1) (2), 281 (a), 325 (1) (b), 278 (1), (2) u (3), 279 (a), 280 (1) u (2), 325 (1) (c), 334 (a), 17, 31, 49, 50, 289 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-imputat hati u ghaldaqstant ikkundannatu ghall-piena ta' tlitt (3) snin prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Joseph Cini, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-5 ta' Mazu, 2013, fejn talab lil din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah minn kull imputazzjoni u htija u fil-kaz li din l-Onorabbli Qorti tikkonferma l-htija tal-esponenti f' xi forma, li tvarja l-piena inflitta ghal-piena ohra inqas skont il-ligi.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-

"L-apprezzament tal-provi ma huwiex wiehed safe and satisfactory

a. 1. fuq is-serqa minn Villa Alexia, Triq Birkirkara, Attard.

a. 1. 1. Fuq l-aggravju tal-valur

L-esponenti instab hati talli huwa seraq minn din id-dar, liema serq sehh aggravat bil-valur li jaqbez l-elf lira Maltija ossia euro 2, 329.37.

Bir-rispett, l-esponenti qatt ma seta hekk jinstab hati, stante li in atti ma hemmx prova dwar tali valur izda jezisti biss stima approssimatorja maghmula minn Dr. David Cassar. Illi l-perit li gie mahtur sabiex jaghmel tali konstatazzjoni, Dr. Richard Sladden, ma ghamel l-ebda inkarigu f' dan is-sens u strah eskluzzivament fuq dak li kkalkula l-imsemmi Dr. David Cassar.

Il-valur moghti lix-xorb misruq u l-valur moghti lill-oggetti tad-deheb u/jew hagar prezjuz, fl-ebda hin ma gew konfermati minn xi espert u/jew talvolta minn persuni li huma fil-mestjier kernm bhala importaturi/agenti tax-xorb u lanqas ma sehh dan in konnessjoni mad-deheb.

L-uniku persuna li setghet qatt taghti opinjoni fuq dan il-valur ossia Dr. Richard Sladden, ma tax din l-opinjoni. Dan naturalment minghajr pregudizzju ghal dak kollu li jista' jintqal fuq kemm verament Dr. Sladden ghandu xi hila u jew sengha specjali sabiex jaghmel tali stima u valur. In sostenn ma' dan l-esponenti jitlob sabiex quddiem dina l-Onorabbli Qorti, jsir kontroll fuq kemm Dr. Sladden ghandu tali hila.

a. 1. 2 fuq l-artikolu 325 (1)(b) tal-Kodici Kriminali

Minkejja li l-Avukat Generali talab b' mod specifiku f' rinviju sabiex issir din il-prova, tali prova baqghet ma saritx.

L-uniku "prova" li hemm f' dan ir-rigward hija l-assunzjoni tal-istess Dr. Cassar dwar kemm jikkalkula huwa li l-ammont tal-hsara li huwa sofra seta' jammonta.

L-assunzjoni fil-kamp penali ma tezistix.

a. 1. 3 il-finger prints misjuba

Minghajr pregudizzju ghal dak su espost. Bl-akbar dovut rispett, jemergi bic-car li l-Ewwel Onorabbli Qorti hadet a bocca bacciata dak li kkonkluda l-espert Ivan Portelli, minghajr ma hija gharblet il-provi.

Il-faxxikolu tar-ritratti esebit mis-SOCO' s infetah biss mis-sotto-iffirmat wara s-sentenza fil-mori tal-appell u dana wara li l-Magistrat sedenti tah l-awtorizzazzjoni mehtiega. Analizi ta' dawn ir-ritratti turi kif il-finger prints li kellhom match ma' tal-esponenti huma nveritjeri in kwantu tal-lok tas-serqa. Dawn ir-ritratti juru kemm kien hemm taqlib fid-dar kollha. Juru ukoll kif il-flixken tax-xorb kienu stivati lesti biex jinhargu mid-dar. Taqlib fil-kmamar kollha u kullimkien.

Ghageb tal-ghegubijiet jinstab u jigu elevati numru ta' finger prints, u tnejn minnhom biss huma tal-esponenti. Dan jfisser li jekk l-esponenti verament ghamel din is-serqa, fl-ebda hin huwa ma kellu xi ingwanti stante li kieku ma kienux jinstabulu prints. Allura jistaqsi l-esponenti jekk ma kellux ingwanti, kif jista' qatt jinghad li kull ma hemm huma zewg finger prints biss tieghu? Wiehed jistenna li jkun hemm bosta prints meta tqis it-taqlib mad-dar kollha. Dan huwa li jiddetta l-buon sens u mhux li jigu elevati biss tnejn suppost minn fuq fliexken li kienu lesti biex jittiehdu.

Analizi tal-istess ritratti, turi kif, il-famuz kaxxa tal-kartun tal-JB b'coff ahmar li minn fuqa ittellghu dawn il-prints li suppost huma tal-esponenti -LANQAS BISS kienet in locus tas-serqa u dana stante li l-flixken kollha li kienu lesti biex jinsterqu gew iffotografati in locus!

Jkompli jikber it-thassib tal-esponenti, li dawn il-prints huma mplanted stante li ma huwiex normali li l-espert mahtur ghall-annalizi l-ewwel jinghata grupp ta' oggetti x'janalizza u mbghad wara hafna, wara li l-ewwel rapport tieghu jkun inkonklussiv, jinghata lot iehor u ghageb tal-ghegubijiet issa jinstab zewg prints!!!!

a. 2 fuq is-serqa mil-kamra no 2012 minn Clover Cottage (it-tieni serqa)

a. 2. 1. il-vittimi u s-serqa nnifisha

Il-provi migjuba l-quddiem in konnessjoni ma' din is-serqa kienu s-surgent tal-Pulizija li ha r-rapport u li hejja l-PIRS report, esebit in atti u l-manager tal-istess stabbiliment fejn ikkonferma x'hin kien qieghed juza din il-karma fil-granet in kwistjoni u l-hsarat li l-lukanda sofriet b'risultat ta' din is-serqa. Il-vittimi ma xehdu qatt. Dan jfisser li dak li intqal lis-surgent tal-Pulizija jammonta biss bhala prova li lilu ntqal hekk pero' ma huwiex prova li verament sehhet serqa stante li l-vittimi ma xehdu qatt. Ghaldaqstant hawn qedghin fir-relm tal-hearsay evidence. Lanqas ma ngabet prova in konnessjoni mad-dettalji tal-mobile number stante li din ukoll hija hearsay stante n-nuqqas ta' xhieda tal-istess persuna svediza.

a. 2. 2 il-valur

Minghajr pregudizzju ghal dak su espost. Prova dwar il-valur tal-oggetti hawn misruqa ma ngabitx bl-ebda mod u manjiera u fl-ebda forma jew ohra, madanakollu l-Ewwel Qorti sabet lill-esponenti hati a tenur tal-artikolu 279 (a). Kif qatt tista' tapplika piena meta l-prova dwar il-valur ma saret qatt?

a. 2. 3 il-hsarat sofferti

Minghajr pregudizzju ghal dak su espost. L-ewwel Onorabbli Qort sabet lill-esponenti hati ta' hsara volontarja in konnessjoni ma' din is-serqa, liema hsara a tenur tal-artikolu 325 (1) (c) hija dik li hija aktar minn ghaxar liri Maltin ossia Euro 23. 29.

Bir-rispett il-manager tal-istabbiliment ipprova li l-hsara li dan l-istess stabbiliment sofra kienet biss ta' Euro ghaldaqstant, minghajr pregudizzju semmai kellha tinstab htija a tenur tal-artikolu 325 (1) (d)!

b. Is-sejbien ta' htija in konnessjoni mat-tieni serqa ma huwiex wiehed safe and satisfactory

Minghajr pregudizzju ghal dak su espost. Illi l-Ewwel Qorti ma kellha l-ebda prova f'idejha li turi li b'xi mod jew iehor kien l-esponenti li wettaq din is-serqa. Madanakollu, l-esponenti instab hati tad-delitt komplut u mhux dak sussidjarju tar-ricettazzjoni.

Naturalment l-esponenti jaghmel tieghu ukoll l-argumentazzjoni li huwa ressaq il-quddiem fil-paragrafi nnumerati a. 2 in konnessjoni mal-imputazzjoni in konnessjoni mal-imputazzjoni tar-ricettazzjoni ukoll.

C. Il-piena

Illi minghajr pregudizzju ghal dak su espost, l-esponenti jemmen li tenut il-punti ta' dritt, kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-piena inflitta, f' kaz li dina l-Onorabbli Qorti tikkonferma xi htija, hija wahda li tizboq il-piena idoneja ghal kaz odjern.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata ta' Joseph Cini esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat,

L-appellanti jinsab mixli b'zewg serqiet separati li maghhom huma abbinati l-akkuzi dwar il-hsara volontarja kagjonata fil-kommissjoni ta' dawn ir-reati u finalment hija moghtija ukoll kontra tieghu l-akkuza alternattiva tar-reat ta' ricettazzjoni. L-appellant misjub hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu, inkluz allura tal-imputazzjoni alternattiva, jilmenta illi l-provi in atti ma kenux b'sahhithom bizzejjed sabiex huwa jinsab hati tar-reati lilu addebitati billi jilmenta illi dawn ma holqux dak in-ness mehtieg bejnu u bejn is-serq kommess.

Illi z-żewġ serqiet mertu ta' dawn il-proceduri seħħew fi żminijiet viċin bl-ewwel serqa ssehh fir-residenza tat-tabib psikjatra David Cassar fl-indirizz, 'Villa Alexia' Triq Birkirkara, Ħ'Attard. Jirriżulta mill-provi illi l-vittma kien hareg mir-residenza tieghu fl-4 ta' Ġunju 2008 għall-ħabta tat-8:15am u meta rritorna fil-fond l-għada fis-7:45pm innota li kienet sehhet intruzjoni u dan minhabba evidenza ta' sgass u t-taqlib li kien hemm gewwa. Dan kif jixhdu r-ritratti li ttieħdu mill-esperti tax-xena tar-reat fil-kors tal-*in genere* u li gew ipprezentati fl-atti.

Irriżulta li il-malvivent kiseb aċċess għar-residenza tat-tabib Cassar minn *sliding door* tal-aluminium fuq il-parti ta' wara ta' din ir-residenza u dan billi kisser ħġieġa minnha u tneħħiet injama li kienet ġewwa biex il-bieba ma timxix. B'hekk kien hemm aċċess liberu għall-proprjeta`', tant li l-bieb ta' barra kien u baqa msakkar. Irriżulta li kienu nsterqu diversi oġġetti tad-deheb u fidda kif ukoll ħafna fliexken tax-xorb apparti li kien hemm xi oġġetti oħrajn li kienu ġew spostjati mill-post oriġinali tagħhom, x'aktarx bil-ħsieb li jittieħdu mill-proprjeta` wkoll. Id-derubat għamel elenku dettaljat tal-oġġetti u tax-xorb misruq, liema dokument ġie eżebit fil-mori tal-inkjesta maġisterjali relattiv għal dan il-każ kif ukoll matul il-kumpilazzjoni.[1] Sehhet hsara ukoll fil-proprjeta u dan meta sehh l-isgass kif ukoll hsara ohra li seħħet fil-kors tas-serqa, li l-valur taghhom jaqbez l-€116.47. Fil-kors tal-inkjesta magisterjali gew mahtura diversi esperti mill-Inkwirenti fosthom dawk tax-xena tar-reat li elevaw l-impronti diġitali minn fuq xi oġġetti li kien hemm fuq ix-

[1] Folio 48 tal-atti processwali

xena. Illi matul il-kors tal-inkjesta uhud minn dawn l-impronti digitali gew imqabbla mas-seba tan-nofs tal-id il-leminija tal-appellant u dan specifikatament fuq tnejn mill-impronti elevati mix-xena tar-reat. Għaldaqstant l-appellant ġie mitkellem mill-pulizija izda ma jaghtix ġustifikazzjoni għal presenza tal-marki tas-swaba tieghu fuq ix-xena. Wara dan hu jitressaq akkużat bl-ewwel serqa.

Illi ftit gimghat wara sehhet serqa ohra, fit-23 ta' Ġunju 2008, minn ġewwa kamra residenzjali bin-numru 2010 fil-lukanda Clover Cottage fi Triq it-Tartarun, San Pawl il-Baħar. Irriżulta li kien hemm sgass minn bieb laterali tal-proprjeta`' u dan billi d-delinkwenti kissru l-ħġieġ t'isfel ta' bieb tal-*aluminium* li jagħti għal ġol-lukanda u fejn m'hemm l-ebda mezzi ta' sigurta. Skont ir-rapport tal-pulizija mill-istharrig li sar fejn gew mitkellma il-vittmi Hans Anderson Svensson u l-familja tiegħu li kienu qedgħin jabitaw bħala turisti f'din il-kamra, f'dak il-jum huma kienu ħarġu mill-kamra fis-19:30hrs u skoprew l-intrużjoni u s-serqa meta rritornaw għall-ħabta tal-22:30hrs. Huma kienu rrapurtaw li fost l-oġġetti li kienu nsterqulhom kien żewġ telefowns ċellulari nkluż wiehed tad-ditta Sony EricssonT650 li kellu l-IMEI number 357966005672455. Il-pulizija tkompli bl-investigazzjonijiet taghha u dan billi jigi mistharreg l-uzu li sar bl-IMEI fejn hareg illi dan iċ-ċellulari kien ġie attivat l-għada tas-serqa in kwistjoni u kien qed jintuża bin-numru 99492809 liema numru ġie kkonfermat mis-*service providers* li kien n-numru li kien qed jintuża dak iż-żmien mill-appellant. Dan ukoll jirrizulta mix-xiehda moghtija mill-ex sieħba tal-appellant Miriam Gerada fil-mori tal-kumpilazzjoni. In oltre rriżulta wkoll li ftit ġimgħat wara, l-mobile kien spiċċa f'idejn individwu bl-isem ta' David Bartolo li kien qed jagħmel uzu minnu u li meta ġie mitkellem mill-pulizija qalilhom li kien filfatt l-appellant li kien taħ dak iċ-ċellulari bħala garanzija ta' ħlas lura ta' ħamsin Liri Maltin, liema flejjes qatt ma ġew reżi lura lilu u dan anki minhabba l-fatt li l-appellant kien ġie nkarċerat mill-ġdid xi ġimgħatejn wara dan l-inkontru. Bartolo u martu, li kienu qedgħin jagħmlu użu minn dan iċ-ċellulari, ghaddewh lill-pulizija meta ġew mitkellma matul l-investigazzjonijiet ta' din is-serqa. L-appellant jerga' jigi mitkellem u jaghzel li jibqa' sieket, kif kellu dritt li jaghmel. Wara dan hu tressaq il-Qorti kif debitament akkużat b'din is-serqa wkoll kif ukoll b'reati oħra relatati jew alternattivi.

Ikkunsidrat:

Illi fid-dawl tan-natura tal-aggravji mqajjma, tajjeb li din il-Qorti tfakkar illi huwa prinċipju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghal konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[2].

Illi maghmula l-esposizzjoni tal-fatti tal-kaz, minn ezami tal-atti processwali jirrizulta illi apparti l-addebitu tar-reċidiva mahsuba fl-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali, l-appellant jinsab prinċiplament akkużat b'żewġ reati ta' serq it-tnejn aggravati bil-mezz, bil-valur u bil-lok. Ulterjorment l-appellant huwa wkoll mixli bir-reat tal-ħsara volontarja f'valuri differenti f'kull waħda mis-serqiet u dan fit-termini tal-artikolu 325(b) u (c) tal-Kodiċi Kriminali u dan skont il-ligi vigenti fiz-zmien tal-kummissjoni tar-reat qabel l-emendi li daħħlu fis-seħħ fis-sena 2014. Finalment u b'mod alternattiv għat-tieni serqa l-appellant huwa ukoll akkuzat bir-reat ta' riċettazzjoni tal-mobile phone tad-ditta Ericsson T650 u dan skont id-dettami tal-artikolu 334(a) tal-Kodiċi Kriminali.

---

[2] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

Illi jibda biex jinghad illi l-provi li jitfghu il-htija fuq spallejn l-appellant huma konsistenti unikament fi provi cirkostanzjali bil-prova determinanti fir-rigward tal-ewwel serqa tkun dik tas-sejbien ta' zewg impronti digitali tal-appellant fuq ix-xena tar-reat.

> "Illi gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fl-Appell Kriminali **"Il-Pulizija vs. Anthony Abela"** [28.5.1998] li l-prova tal-*fingerprint* ghandha tkun sufficjenti biex tissodisfa l-oneru tal-prova u legalment mhux necessarju li jkun hemm xi korroborazzjoni ta' din il-prova billi l-istess prova wahedha ghandha twassal ghall-htija tal-persuna akkuzata. Il-Qorti pero' kienet ghamlet distinzjoni bejn *fingerprints* li jinstabu f' postijiet pubblici bhal hwienet, knejjes, cinematografi, hwienet tax-xorb, diskoteki, ecc. li fihom imorru hafna nies u *fingerprints* li jinstabu f' xi dar ta' residenza. Il-Qorti qalet hekk fir-rigward :-
>
> "Kienet tkun haga ferm differenti li kieku l-post derubat kien xi residenza privata u jigi stabbilit li ssuspettat, li instabu l-impronti digitali tieghu fuq il-post, qatt ma kien dahal fih u li d-derubat qatt ma kien jafu jew li kien dahallu fir-residenza tieghu. F'dan il-kaz il-prova tal-fingerprints wahedha hija sufficjenti biex il-Qorti issib htija.
>
> **Illi kif gie ritenut ukoll minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali :** "Il-Pulizija vs. Vincent Calleja" **[7.3.2002] il-ligi taghna ma tistabilix il-kriterji ta' numru ta' *"matching points"* jew *"points of comparison"* li ghandhom jinstabu fuq il-post tad-delitt jew xi repert iehor ma dawk tal-persuna suspettata. Fil-prattika pero' il-Pulizija ghall-biex tmexxi l-investigazzjoni ulterjorment il-quddiem, tistrieh fuq 9 points. Izda qabel ma tmur il-Qorti tkun trid li jkollha mill-inqas erbaghtax (14) il-*"point of comparison"*.**
>
> .BLACKSTONES **- "CRIMINAL PRACTICE" (2001 edit.) (pagna 2311-2312) jghid testwalment hekk :-**
>
> **"Properly presented** *fingerprint evidence has long been accepted as providing sufficient identification, but,* **in a case which depends wholly on such evidence, it is clearly essential that the defendant is linked to the relative prints by admissible evidence (Chappell v DPP (1988) 89 Cr App R 82).Finger print experts used to seek at least 16 matching ridge characteristics between the suspect's print and the rime print before asserting that the prints come from the same person, but this has never been a strict legal requirement, and courts have a discretion to admit evidence based on fewer matching characteristics.**
>
> **See for example BUCKLEY (1999) 163 JP 561 , in which the Court of Appeal upheld a robbery conviction following a trial at which the appellant was identified on the basis of a mere nine-point match. Rose LJ said :**

*"Finger print evidence , like any other evidence , is admissible .....if it tends to prove the guilt of the accused. It may so tend, even if there are only a few similar ridge characteristics, but it may, in such case, have little weight. It may be excluded in the exercise of judicial discretion, if its prejudicial effect outweighs its probative value....." He added that Courts or judges would have to consider, before exercising this discretion, the experience and expertise of the witness presenting it, the number of similar ridge characteristics identified, the presence of any dissimilar characteristics, the size of the crime print ...and the quality and clarity of that print ... Rose LJ still considered it "highly unlikely" that anything less than an eight-point match could be acceptable, in the absence of exceptional circumstances. The latest guidelines on fingerprint analysis emphasise the primacy of subjective evaluation when determining whether prints can be said to match, and no longer specify a need for any particular number of matching ridge characteristics."*

**Fil-fatt It-tendenza l-aktar recenti fl-Ingilterra hi li numru ferm inqas minn 14 il-punt (li rrizultaw f'dan ilkaz) jista' jkun bizzejjed biex tigi stabilita l-identita' tal-persuna suspettata. Konsegwentement, l-Ewwel Qorti kellha kull dritt li taccetta il-kriterju ta' "14 points of comparison" li skont l-esperta nstabu fuq ir-ritratt Dok. 920748000102.[3]"**

Illi fis-sentenza **Il-Pulizija vs Vincent Calleja[4]** inghad:

**"L-impronti digitali (u dawk palmari) huma forma ta'prova indizzjarja - "circumstantial evidence" - li kif qal Lord Salmon fil-kaz DPP v. Kilbourne [1973] AC 729, p. 758 "…works by cumulatively, in geometrical progression, eliminating other possibilities." Il-kwistjoni kollha hi mhux jekk l-impronta instabitx f'post pubbliku jew f'post privat jew anqas pubbliku - il-kwistjoni kollha hi jekk, fid-dawl tac-cirkostanzi kollha, il-post fejn instabet l-impronta tikkonvincix lill-gudikant lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li dik limpronta saret mill-persuna li lilha tappartjeni fil-kors tal-kommissjoni minn dik l-istess persuna tar-reat li bih tkun akkuzata jew fil-kors ta' xi atti li jammontaw ghall-anqas ghal tentattiv ta' dak ir-reat."(Il-Pulizija vs Noel Frendo deciza 30 ta' Novembru 2004 – Appelli Kriminali Inferjuri)".**

Ukoll, skont is-sentenza fl-ismijiet Repubblika ta' Malta vs George Spiteri[5] mogħtija mill-Qorti tal-Appell Superjuri nhar il-5 ta' Lulju 2002 ġie ddikjarat is-segwenti:

**Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex**

[3] il-Pulizija vs Nazzareno sive Reno Zarb - Deciza fil-31.08.2016 mill-Onor. Imhallef Dr Joseph Galea Debono (Ref. Nru. 108/06).
[4] Deciza fis-7.5.2002 mill-Qorti tal-Appell Kriminali ppreseduta mill-Imħallef Joe Galea Debono.
[5] Ippreseduta mill-Imħallfin Arrigo Noel V., Filletti Joseph A., Vella Patrick.

**disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skont il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill-gudikant sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.**

**L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skont il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skont il-ligi.**

**Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha.**

Madankollu skont is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri fl-ismijiet Pulizija vs Cyrus Engerer ġie ppuntwalizzat ukoll illi:

***'...Biex wiehed jistabilixxi jekk l-provi cirkostanzjali huma univoci wiehed irid jara l-assjem ta' dawn ic-cirkostanzi migjuba bhala prova u li dan il-konvinciment morali huwa wiehed ibbazat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni tac-certezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. In oltre il-konkluzjoni biex tkun univoka mhux necessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista jintlahaq izda trid tkun l-unika wahda li tista twassal ghal htija b'mod ragonevoli kontra dak li jkun. Fi kliem iehor jekk jinholoq dubbju dwar l-univocita tal-provi cirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wiehed ragonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bazi tan-nuqqas ta' univocita'.***[6]

Stabbiliti dawn il-punti ta' dritt tramandati mill-gurisprudenza u id-dottrina, jirrizulta mill-atti illi l-esperti tax-xena tar-reat kienu elevaw impronti digitali minn fuq ix-xena. Dawn gew elevati minn PS934 Robert Scicluna[7] li lkoll ġew mgħoddija lil PC1525 Patrick Farrugia. Illi kien hemm marki tas-swaba ohra li ġew elevati mill-

[6] Deċiża mill-Imħallef Michael Mallia nhar it-8.5.2014.
[7] Rapport inserit fl-atti tal-inkjesta konsistenti minn żewġ lifters.

istess Patrick Farrugia[8] ukoll *a tempo verġine,* u ċioe qabel ma sar l-eżami komparattiv fuq l-impronti li kien ġabar PS934 Scicluna. Jidher ċar li huwa biss riżultat ta' svista li saru żewġ rapporti minflok wiehed mill-espert Ivan Portelli, u dan kif evidenzjat mir-rinviju tal-Avukat Ġenerali[9], billi wara li gie redatt l-ewwel rapport komparattiv tal-espert fejn jidher ċar li huwa gie mitlub janalizza wkoll dawk l-impronti li jinstabu annessi mar-rapport ta' PC1525 Patrick Farrugia, dawn ma gewx ezaminati minnu u allura ma kenux jiffurmaw parti mill-ewwel rapport ta' l-imsemmi espert.[10] Dawn l-impronti kienu diġa jiffurmaw parti mill-atti tal-inkjesta u ma ġewx inseriti wara li sar l-ewwel rapport b'riżultat negattiv. B'hekk thejja t-tieni rapport.

Jidher ċar miż-żewġ rapporti li ġew ippreżentati mill-espert Portelli li l-biċċa l-kbira tal-impronti elevati mill-ufficjali tax-xena tar-reat ma kienux tajbin a fini ta' komparazzjoni billi ma kienx hemm numru biżżejjed ta' punti ta' *characterisation* ai fini ta' komparazzjoni u kien hemm xi uħud li kienu negattivi. Madanakollu kien hemm qbil pozittiv ta' zewg impronti digitali mal-marki tas-swaba tal-appellant kif inghad. Issa tenut kont tal-fatt li din is-serqa saret minn ġewwa dar residenzjali li mhijiex aċċessibbli għall-pubbliku, u f'liema dar l-appellant qatt ma daħal bil-kunsens tas-sidien tagħha, allura l-Ewwel Qorti setghet tasal biex issib ir-reita' fl-appellant fir-rigward ta' din l-ewwel serqa kommessa. Dan ukoll ghaliex hu ma joffriex xenarju alternattiv li seta' jiġġustfika il-preżenza tal-impronti tiegħu fuq il-post. Dan il-fatt waħdu jrendi l-impronti diġitali misjuba u maqbula posittivament bħala prova indizzjarja univoka li ma jistghux jagħtu lok għal spjegazzjoni oħra raġjonevoli ghajr ghal fatt illi l-appellant kien presenti fuq ix-xena tar-reat meta giet kommessa s-serqa.

Illi l-appellant, fir-rigward dejjem tal-ewwel serqa, jikkontesta sussidjarjament l-aggravanti tal-valur u dan meta instab hati ta' din is-serqa. Jingħad illi ghalkemm hu minnu li ma tressqet l-ebda prova ghar-rigward tal-valur tal-oggetti misruqa, madanakollu il-Qorti tista' wahedha tasal sabiex tistabbilixxi, mill-lista tal-oġġetti misruqa li kienu jinkludu gojjellerija, oggetti tal-fidda u xorb alkoholiku li l-valur tar-

[8] Ara folio 15 mill-inkjesta Maġisterjali.
[9] Folio 86 mill-atti tal-inkjesta.
[10] Rapporti tal-espert Portelli a folio 79 u 89 rispettivament fl-atti tal-inkjesta.

*res furtiva* in toto, certament jeżorbita bil-bosta il-valur ta' €2329.37, stabbilit fil-ligi sabiex tirrizulta l-aggravanti.

Il-vittma David Cassar fix-xiehda tiegħu jikkwantifika l-valur tad-dehbijiet u l-fidded li flimkien jeżorbitaw l-għoxrin elf ewro,[11] inoltre ighid li x-xorb misruq li kien ilu jinġema għal madwar ħmistax il-sena ukoll jeccedi fil-valur l-erbat elef Liri Maltin[12]. Illi l-Ewwel Qorti lanqas setghet tahtar espert biex janalizza dawn l-oġġetti peress li r-*res furtiva* qatt ma nstabet jew ġiet ritornata lura lil sidha u kwindi ħadd ghajr mill-vittma ma seta' jagħti rendikont tal-oġġetti misruqa u tal-valur tagħhom. Mhux biss izda billi l-vittma jikkontendi illi hafna mill-oggetti misruqa kienu jikkostitwixxu rigali, allura lanqas setghu jigu esebieti xi ricevuti marbuta mal-istess. Illi madanakollu ma hux necessarju ghal sejbien ta' htija ghal dan l-aggravanti ghar-reat tas-serq illi l-Qorti tkun moghnija minn xi espert li jistabbilixxi il-valur preciz jew xi prova ohra dokumentali li jindikaw kemm jiswew bl-ezatt l-oggetti misruqa, izda tista' tasal wkoll mill-esperjenza tal-ħajja sabiex tistabbilixxi jekk l-parametri indikati fil-ligi gewx milhuqa u ssuperati. Infatti skont is-sentenza fl-ismijiet **Pulizija vs Joseph Cutajar**[13] deċiża minn din il-Qorti diversament ippresjeduta intqal is-segwenti:

> **'Meta qorti, bl-applikazzjoni tal-esperjenza ta' kuljum tal-gudikant, tkun tista' taghmel il-valutazzjoni taghha tal-ammont tal-hsara (jew tal-valur ta' l-oggett misruq) fis-sens li tistabilixxi jekk ikunx inqabez jew le xi benchmark partikolari stabbilit mill-ligi (ez. jekk hux aktar minn ghaxar liri, aktar minn hamsin lira jew aktar minn hames mitt lira – Art. 325(1), Kap. 9), m'ghandux jitqabbad perit biex jaghmel stima ta' l-oggett jew oggetti in kwistjoni proprju ghax tali valutazzjoni ma tkunx "tinhtieg hila jew sengha specjali" (Art. 650(1), Kap. 9): l-ispejjez ta' tali perizja u ddewmien li din neccessarjament iggib ikunu inutili u ghalhekk ingustifikati.'**

Illi allura ezaminati l-atti din il-Qorti hija tal-fehma illi l-ewwel Qorti setgħet tasal għall-konklużjoni tal-valur tal-oggetti misruqa bl-informazzjoni kif lilha ipprovduta matul il-proċeduri ta' dan il-każ. Ma jidhirx li hemm kwistjonijiet fuq l-aggravji tal-mezz, billi kien hemm l-isgass, u tal-lok fejn is-serq sar minn ġewwa dar residenzjali

[11] Folio 34 mill-atti tal-kumpilazzjoni matul id-diposizzjoni tiegħu datata 22.10.2009.
[12] Ara r-rapport ta' Dr. Richard Sladden formanti parti mill-atti tal-inkjesta maġisterjali a folio 19 tal-istess.
[13] Deċiża nhar il 23.09.2005 mill-Imħallef Vincent Degaetano.

u għaldaqstant din il-Qorti ser tikkonferma is-sejbien ta' htija ghar-reat tas-serq b'dawn l-aggravanti ukoll. Kwindi stabbilit dan kollu, din il-Qorti tara illi ma hemm l-ebda mottiv la fil-fatt u lanqas fid-dritt li jista' iwassalha titbieghed mill-fehma milhuqa mill- Ewwel Qorti meta sabet lill-appellant hati tal-ewwel akkuża kif aggravata.

Illi l-Qorti ser tghaddi ghalhekk biex tikkonferma wkoll il-htija ghall-akkuża tal-ħsara volontarja taħt l-artikolu 325(b) tal-Kodici Kriminali marbut ma' din is-serqa. Dan meta mix-xiehda tal-vittma Cassar jirrizulta illi il-ħsara subita kienet tikkonsisti fil-ksur li sar minħabba l-isgass fil-proprjeta` tieghu konsistenti fi ksur tal-ħġieġa tal-*isliding door*, il-ħadid ta' barra u l-kolonna ta' barra liema hsara fil-fehma tal-espert Richard Sladden tammonta għal bejn Lm500 u Lm1000. Fix-xiehda moghtija quddiem l-Ewwel Qorti t-Tabib Cassar jelabora hekk dwar in-natura tal-ħsarat inkorsi. Isemmi:

> **'ksur ta' bibien, ksur ta' bieb biex wieħed jidħol, Umbagħad kien hemm ksur ta' televisions li pprova jittieħed u ntrema fil-ġnien, kien hemm ksur ta'siggijiet. Kien hemm ksur tar-railings ta' barra. Kien hemm ksur fejn ippruvaw jisgassaw il-grada biex jiftħu l-grada minn ġewwa u ċaqilqu anke l-ħajt tal-grada'.**[14]

Issa filwaqt li huwa minnu li fl-atti m'hemmx stima dettaljati tal-valur ta' ħsarat inkorsi, l-ewwel Qorti setgħet tasal sabiex 'tikkwantifika' din il-ħsara.[15] Jidher li hekk ġara f'dan il-każ u kwindi l-Ewwel Qorti setgħet tikkonkludi illi l-kwantifikazzjoni maghmula ta' dawn il-ħsarat kollha hija waħda ġustifikata sabiex b'hekk din il-Qorti ser tikkonferma wkoll is-sejbien ta' ħtija ghat-tieni akkuża miġjuba kontra l-appellant.

Ikkunsidrat:

---

[14] Ara d-deposizzjoni tax-xhieda tat-Tabib Cassar matul il-kumpilazzjoni senjatament a folio 35 tal-istess.

[15] Ara wkoll Pulizija vs Joseph Zahra deċiża nhar il-24.2.2003 mill-Imħallef Vincent Degaetano fejn dik il-Qorti qalet: *Fin-nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet u salv dak li jinghad fis-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 325, biex tigi determinata l-hsara ghall-finijiet ta' l-Artikolu 325(1) tal-Kodici Kriminali (moqri ma' l-Artikolu 335 ta' l-istess Kodici) din trid (i) jew tigi apprezzata direttament mill-gudikant, fis-sens li jekk il-gudikant ikun jifhem bizzejjed jista' jiddetermina huwa stess l-ammont tal-hsara billi jezamina l-oggett in kwistjoni; jew (ii) il-parti leza tghid kemm effettivament hallset biex issir it-tiswija ta' jew fi l-oggett; jew (iii) billi jitqabbad perit mill-qorti biex jaghti l-fehma tieghu dwar l-ammont tal-hsara.'* Ara wkoll l-appell inferjuri fl-ismijiet Pulizija vs Lorita Pace deċiża nhar is-7 ta' Diċembru 2006 mill-Imħallef Joe Galea Debono

Illi fir-rigward tat-tieni serqa, l-appellant jilmenta illi ma nġaghbitx prova suffiċjenti sal-grad rikjest fil-ligi ghal sejbien ta' htija u dan peress li l-vittma innifsu lanqas biss xehed u kwindi hija nieqsa il-konferma illi din is-serqa fil-fatt sehhet. Illi din il-Qorti ezaminat l-atti processwali mill-gdid u l-provi marbuta ma' din it-tieni serqa, fejn xehed biss Carl Anthony Xuereb li kien id-direttur ta' Clover Cottage u li kien l-ewwel persuna li rċieva r-rapport minn Hans Anderson Svensson dwar is-serqa li sehhet mil-kamra 2010 tal-istess lukanda fejn kien qiegħed jirresjedi matul il-btala tiegħu hawn Malta.[16] Dan ix-xhud akkompanja lil Svensson fil-kamra fejn allura seta' jikkonstata b'għajnejħ dak li kien sehh u kien hu wkoll li ċempel lill-pulizija sabiex jiġu fuq il-post. Dan ix-xhud xehed anki dwar l-isgass li kien hemm u dwar il-mod kif id-delinkwenti aċċedew għal din il-kamra, liema testimonjanza u dettalji ġew ikkonfermati wkoll minn l-Ispettur Anthony Portelli li kien involut fl-investigazzjoni tal-kaz. Ix-xhud jikkonferma ukoll illi kienu s-sinjuri Svensson li kienu qedgħin jabitaw f'dik l-istess kamra kif ukoll ikkonferma l-ħsarat inkorsi matul is-serqa u l-valur tagħhom. Tul il-kors tal-investigazzjonijiet, ghalkemm f'dan il-kaz ma kenitx giet varata inkjesta magisterjali, l-pulizija iffotografaw ix-xena tar-reat liema ritratti jikkonfermaw li saret intruzjoni fil-kamra tas-sinjuri Svensson. Illi mir-rapport maghmul minn PS935 Patrick Cassar[17] jirrizulta illi l-vittma kien ta rendikont tal-oġġetti li nsterqulu fejn fosthom semma wkoll żewġ telefowns ċellulari wieħed minnhom tal-għamla Sony Ericsson T650. Huwa sussegwentement ipprovda n-numru tal-IMEI ta' dan iċ-ċellulari lill-pulizija sabiex ighin biex l-istess jiġi rintraċċat.[18] Il-vittma, madanakollu ma xehedx bil-ġurament quddiem l-Ewwel Qorti. L-uniku prova li hemm fl-atti huwa biss dak li l-vittma stqarr mal-pulizija tul il-kors tal-investigazzjoni, sabiex b'hekk l-appellant qatt ma seta' jezercita ebda forma ta' kontroll fuq dak mistqarr mill-istess vittma.

Illi l-artikoli 598 u 599 tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12) jirregolaw is-smigħ ta' *hearsay evidence*, meta jinghad:

---

[16] Folio 110 tal-atti kumpilatorji. Deposizzjoni datata s-6 ta' Mejju 2010.
[17] Dok PC1 a folio 60 tal-atti kumpilatorji. Id-deposizzjoni tax-xhieda tas-surġent tinstab a folio 57 u hija datata l-14 ta' Jannar 2010.
[18] Folio 78 in atti.

**598. (1) Bħala regola, il-qorti ma tiħux qies ta' xiehda dwar fatti li x-xhud igħid li ġie jafhom mingħand ħaddieħor jew li qalhom ħaddieħor li jista' jinġieb biex jagħti xiehda fuq dawk ilfatti.**

**(2) Il-qorti tista', ex officio, jew fuq oppożizzjoni tal-parti, ma tħallix jew tiċħad li jsiru mistoqsijiet bi skop li jittieħdu xiehda bħal dawk.**

**(3) Iżda l-qorti tista' ġġiegħel lix-xhud li jsemmi l-persuna li mingħandha jkun sar jaf il-fatti li għalihom jirriferixxu dawk ilmistoqsijiet.**

**599. Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra, l-aktar f'każijiet ta' twelid, ta' żwieġ, ta' mewt, ta' assenza, ta' servitù, ta' rjieħ ta'immobbli, ta' pussess, ta' drawwiet, ta' ġrajjiet storiċi pubbliċi, ta'reputazzjoni jew ta' fama, ta' kliem jew fatti ta' nies li mietu jew li jkunu assenti u li ma kellhom ebda interess li jgħidu jew jiktbu lfalz, u ta' fatti oħra ta' interess ġenerali jew pubbliku jew li jkunu magħrufa minn kulħadd.**

Issa fil-fehma ta' din il-Qorti dak mistqarr mill-pulizija u dak li jixhed d-direttur ta' Clover Cottage tikkostitwixxi prova dwar il-fatt li sehhet serqa mill-kamra fejn kien qed jirrisjedi il-parti leza, bil-lista tar-*res furtiva* tigi mghoddija lill-pulizija mill-parti leza li madanakollu ma jingiebx jixhed biex jikkonferma l-istess.

Dan maghdud madanakollu huwa indubitat illi t-telefown cellulari Sony Ericsson allegatament misruq kien fil-pussess tal-appellant l-ghada li sehhet is-serqa u li gie uzat minnu bin-numru MSISDN tieghu. Dan johrog ċar kemm mix-xhieda ta' Miriam Gerada li kkonfermat in-numru telefoniku li kien jintuża mill-appellant u liema numru ġie abbinat mal-IMEI tas-Sony allegatament misruq tramite s-*service providers*[19], kif ukoll mix-xiehda ta' David Bartolo li jikkonferma li hu gie mghoddi dan ic-cellulari mill-appellant u dan bhala garanzija ta' radd lura ta' flus mislufa lilu minn Attard.

[19] In-numru ta' IMEI ġie pprovdut via korrispondenza elettronika bejn il-vittma u l-pulizija li pprovdilhom din l-informazzjoni.

Dan maghdud madanakollu din il-Qorti hija tal-fehma illi dawn il-provi ma joholqux in-ness mehtieg fil-ligi bejn is-serqa li sehhet u l-appellant u dan ghaliex ghalkemm huwa indubitat illi huwa kien fil-pussess tat-telefown cellulari misruq, madanakollu dan ma ifissirx necessarjament illi kien l-appellant li ikkometta din is-serqa. Mill-banda l-oħra pero', l-istess ma jistax jingħad fir-rigward tar-reat alternattiv ta' riċettazzjoni. Fid-dawl ta' dak hawn fuq ippostulat huwa evidenti mill-provi miġjuba li sehhet serqa mill-kamra 2010 ta' din il-lukanda fejn kien qed jigi ospitat Hans Andersen Svensson flimkien mal-familja tiegħu. In oltre skont ir-rapport tal-pulizija dwar din is-serqa, liema rapport ġie awtentikat u kkonfermat minn min irrediġieħ, iċ-ċellulari in kwistjoni jinsab fost l-elenku ta' oġġetti u flejjes li allegatament insterqu mingħand Svensson. Sussegwentement il-pulizija kienu ġew ipprovduti bl-IMEI ta' dan iċ-ċellulari minn Svensson stess kif jidher mill-komunikazzjoni elettronika eżebita. Jirriżulta mix-xhieda ta' Miriam Gerada u mill-profil telefoniku (folio 80 et seq tal-atti proċesswali) illi l-għada stess tas-serqa l-appellant kien qed jagħmel użu minn dan il-*mobile* u sussegwentement xi ġimgħat wara hu kien personalment għadda dan l-istess ċellulari lil David Bartolo bħala garanzija ta' ħlas ta' dejn dovut lilu. Dan ifisser allura li m'hemm l-ebda dubbju li l-appellant kien filfatt fil-pussess reċenti taċ-ċellulari in kwistjoni liema ċellulari nfatti baqa' għandu għal xi żmien wara, qabel ma ghaddieh lil Bartolo.

Issa skont ġurisprudenza nostrana:

> **'Fir-ricettazzjoni, l-element intenzjonali jirrkjedi li r-ricettatur ikun jef, jew mic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, ikun missu ragonevolment ikun jaf, lil-oggett li qed jakkwista gej minn provenjenza kriminuza.'**[20]

Dina l-intenzjoni tohrog mill-pussess tac-cellulari f'idejn l-appellant l-ghada li sehh is-serq tieghu. Illi allura bl-applikazzjoni tat-teorija ta' pussess reċenti ghall-fattispecje ta' dan il-kaz din il-Qorti tista' tasal biex tistabbilixxi dina l-presunzjoni ta' fatt bhala prova fil-konfront tal-appellant. Illi:

> **'Hu evidenti li meta oggetti misruqa jinstabu, fi zmien qasir wara li jkun sar is-serq, fil-pussess ta' xi hadd, tapplika l-hekk imsejha doctrine of recent possession. "If the accused was found in possession of goods which had**

[20] Il-Pulizija Vs Nazzareno Zarb U Melchior Spiteri - Deċiża mill- Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) u ppreseduta mill-Imħallef Patrick Vella, nhar is-16/12/1998.

**recently been stolen, and if he offers no satisfactory explanation for this, the jury may be entitled to infer that he either stole those goods or received them. It is purely a question of fact and little more than a matter of common sense. No presumption of law is involved: the legal burden of proof remains on the prosecution as usual, and the accused's right to remain silent is unaffected" (Blackstone). Huwa principju pacifiku fil-gurisprudenza Maltija illi min jiehu pussess ta' xi oggett li jsib f'xi lok taht cirkostanzi li juru illi dak l-oggett jappartjeni lil xi hadd u ma giex abbandunat minn sidu jikkommetti serq.'[21]**

L-appellant ma joffri l-ebda spjegazzjoni plawsibbli ta' kif gie fil-pussess tac-cellulari misruq. Dan ifisser illi tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ u tal-prossimita' ta' pussess tal-appellant taċ-ċellulari in kwistjoni kif ukoll fid-dawl tal-mod kif sussegwentement iddispona minn dan iċ-ċellulari meta ghaddieh lil David Bartolo bhala garanzija ghas-self lilu moghti ta' Lm50, ghalkemm ma jista' jigi stabbilit l-ebda ness bejn il-kommissjoni tas-serqa u l-appellant, madanakollu huwa evidenti illi huwa gie fil-pussess tal-oggett misruq ftit hin wara li sehhet is-serqa u li ghaddieh lil haddiehor ghall-ammont ta' Lm50. *Di piu'* jibqa' wkoll il-fatt li l-appellant f'ebda mod ma pprova jiġġustifika kif u għalfejn dan iċ-ċellulari kien ġie fil-pussess tiegħu sabiex b' hekk din il-Qorti tista' legalment u raġjonevolment tikkonferma l-htija ghar-reat ta' riċettazzjoni.

Dan ifisser allura illi lanqas ma tista' tinstab htija ghar-reat tal-hsara volontarja ikkunsidrat bhala mezz ai fini biex jigi kommess ir-reat tas-serq, minn liema reat, kif inghad l-appellant ser jigi illiberat.

Illi jifdal ghalkekk l-ahhar aggravju intentat mill-appellant marbut mal-piena erogata mill-Ewwel Qorti, liema piena issa fi stadju ta' revizjoni necessarjament trid tigi aggustata sabiex tirrifletti l-liberatorja mit-tielet u r-raba' imputazzjonijiet, liema aggustament madanakollu ser ikun wiehed minimu billi l-piena ghar-reati tas-serq u ta' ricettazzjoni hija l-istess fit-termini tal-artikolu 334 tal-Kodici Kriminali, filwaqt li l-ebda piena ma tinghata ghar-reat tal-hsara volontarja meta din tkun mezz ai fini tal-kummissjoni tar-reat tas-serq u dan fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-artikolu 17(h) tal-Kodici Kriminali.

---

[21] Appell Inferjuri fl-ismijiet Pulizija vs Carmel Debono, deċiża nhar l-1.11.1996 mill-Imħallef Vincent Degaetano

Illi ghal dan il-ghan din il-Qorti qieset ukoll il-fedina penali piuttost voluminuza aġġornata tal-appellant li tinstab inserita in atti.[22] Qieset ukoll il-*Pre Sentencing Report* li sar fil-konfront tal-appellant u x-xhieda kollha tat-tobba u professjonisti ohra li xehdu quddiemha dwar l-progress o meno maghmul mill-appellant tul is-snin, fost affarijiet oħra marbut mal-vizzju tad-droga li ħakkmitu. Qieset ukoll illi l-appellant huwa hati tas-serq aggravat u ta' ricettazzjoni marbuta ma' zewg incidenti separati. Qieset finalment illi l-appellant huwa pluri-recediv anki ai termini tal-artikolu 289 tal-Kodiċi Kriminali.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi illi tilqa' l-appell *in parte*, tghaddi ghalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn l-appellant gie misjub hati tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet kif ukoll tal-hames imputazzjoni, izda tirrevokaha fejn gie misjub hati tat-tielet u r-raba akkuzi u tilliberaħ minnhom. Tirriforma l-piena inflitta u ghalhekk tghaddi biex tikkundanna lill-appellant Joseph Cini għall-piena ta' sentejn u disa' xhur priġunerija.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius
Deputat Registratur

[22] Folio 266 tal-atti proċesswali.